IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 17.1.2012
KUMM(2012) 7 finali

GREEN PAPER

Ristrutturazzjoni u antiċipazzjoni tal-bidla: X'tgħallimna mill-esperjenza reċenti?

{SEG(2012) 59 finali}

GREEN PAPER

Ristrutturazzjoni u antiċipazzjoni tal-bidla: X'tgħallimna mill-esperjenza reċenti?

1. INTRODUZZJONI: RISTRUTTURAZZJONI PROATTIVA GĦAL KOMPETITTIVITÀ U TKABBIR

It-tema ċentrali ta' din il-Green Paper hija r-ristrutturazzjoni tal-kumpanija u l-konsegwenzi soċjali tagħha li huma kawża ta' tħassib leġittimu għal ħafna ċittadini Ewropej. Ir-ristruttarazzjoni hija fattur kruċjali għall-impjiegi u għall-kompetittività tal-ekonomija Ewropea.

Din il-Green Paper għandha l-mira li tidentifika prattiki u politiki ta' suċċess fil-qasam tar-ristrutturazzjoni u l-adattament għall-bidla sabiex jiġu promossi l-impjiegi, it-tkabbir u l-kompetittività fil-qafas tal-istrateġija Ewropa 2020[1] u b'mod partikolari l-inizjattiva ewlenija tal-politika industrijali ta' Ottubru 2010[2], l-"Aġenda għal ħiliet u impjiegi ġodda" adottata f'Novembru 2010[3]. Il-Green Paper biħsiebha wkoll tikkontribwixxi biex ittejjeb is-sinerġija bejn l-atturi rilevanti kollha fl-indirizzar tal-isfidi relatati mar-ristrutturazzjoni u l-adattament għall-bidla u tqis ix-xogħol importanti li sar fis-snin reċenti mill-Kummissjoni Ewropea, l-imsieħba soċjali, ir-reġjuni, l-Istati Membri u ħafna partijiet interessati oħra[4].

Il-Kummissjoni tixtieq iġġedded it-termini ta' dan id-dibattitu politiku fid-dawl tat-tagħlimiet mill-kriżi ekonomika u l-bidliet profondi fil-kuntesti ekonomiċi u kompetittivi fid-dinja kollha u l-aġenda tar-riforma strutturali li hija implimentata bħalissa fl-UE[5].

Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni se tibni fuq ir-riżultat ta' din il-konsultazzjoni biex tqis modi ġodda biex il-prattiki tajba jixxerrdu aħjar u jiġu implimentati b'mod effettiv, inkluż fil-livell tal-UE, biex tiffaċċa kemm it-tħassib immedjat relatat mal-kriżi ekonomika u kif ukoll l-għanijiet ta' kompetittività fit-tul kif identifikati fl-inizjattiva ewlenija dwar il-politika industrijali. Il-Kummissjoni se ddaħħal ir-riżultati ta' din il-konsultazzjoni tal-Green Paper fl-aġenda rivatilzzata tal-flessigurtà, anke biex dan iwassal għal dibattitu mill-ġdid fil-livell tal-UE dwar approċċ possibbli u qafas għar-ristrutturazzjoni.

Fl-inizjattiva ewlenija tal-politika industrijali, il-Kummissjoni stqarret, b'mod partikolari, li "orjentazzjonijiet aġġornati dwar ir-ristrutturazzjoni jistgħu jkunu utli ħafna fit-tisħiħ tal-kapaċità tan-negozji u l-forza tax-xogħol biex jadattaw ruħhom għal ambjent ekonomiku li

---

1 COM(2010)2020.

2 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tas-27 ta' Ottubru 2010 "Politika Industrijali Integrata għall-Era tal-Globalizzazzjoni - Il-Kompetittività u s-Sostenibilità fix-Xena Prinċipali" (COM (2010)614 finali).

3 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Aġenda għal ħiliet u impjiegi ġodda", COM(2010) 682 finali

4 Inkluż id-dokument ta' konsultazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-ristrutturazzjoni ta' Jannar 2002, ir-riżultati tax-xogħol sussegwenti li sar mill-imsieħba soċjali Ewropej u għadd ta' rapporti u studji oħra li saru fis-snin reċenti, mhux inqas fil-Fora ta' Ristrutturazzjoni organizzati mill-Kummissjoni sa mill-2005. Taqsira utli tat-tagħlimiet meħuda mill-partijiet interessati kollha fir-ristrutturazzjoni ngħatat fiċ-"Checklist għall-Proċessi ta' Ristrutturazzjoni" ppreżentata mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha tat-3 ta' Ġunju 2009 "Impenn konġunt għax-xogħol"

5 COM(2011)815 — Stħarriġ ta' Tkabbir Annwali 2012, http://ec.europa.eu/europe2020/reaching-the-goals/monitoring-progress/annual-growth-surveys/index_en.htm

qed jinbidel malajr." Dan l-aġġornament jista' wkoll "jinkoraġġixxi ċaqliq minn azzjonijiet purament reattivi għal strateġiji iktar antiċipattivi"[6].

Il-Green Paper hija akkumpanjata u appoġġata mid-**Dokument ta' Ħidma tal-Persunal "Ristrutturazzjoni fl-Ewropa 2011"**. Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal jiddeskrivi l-impatt tal-kriżi ekonomika u finanzjarja fuq is-swieq tax-xogħol u t-tweġibiet tal-partijiet interessati differenti; juri l-azzjoni tal-UE fil-qasam tal-antiċipazzjoni tal-ħiliet meħtieġa u l-iżvilupp tal-kompetenzi; jenfasizza r-rwol tal-fondi tal-UE bħala appoġġ tal-proċessi ta' ristrutturazzjoni, l-impatt tar-ristrutturazzjoni fir-reġjuni tal-UE u r-rwol tal-istrateġiji ta' "speċjalizzazzjoni intelliġenti"[7]; janalizza r-rwol tad-djalogu soċjali, l-istrumenti ġuridiċi u l-miżuri ta' appoġġ tal-Istati Membri f'dan il-qasam; jelenka l-isfidi u r-reazzjonijiet tal-UE għalihom; u jenfasizza xi lezzjonijiet meħuda f'dawn l-aħħar snin dwar l-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla u r-ristrutturazzjoni.

It-tagħlimiet mill-kriżi

L-ekonomija Ewropea ħierġa b'diffikultà mill-agħar reċessjoni f'għexieren ta' snin. Ir-reċessjoni kkawżat waqgħa kbira fl-attività ekonomika fl-UE, b'miljuni ta' impjiegi mitlufa u spiża umana kbira, u tefgħet pressjoni kiefra fuq il-finanzi pubbliċi, li wasslet għal iktar impenji fiskali vinkolanti.

Il-prospetti tas-suq tax-xogħol tal-UE, li matul ir-reċessjoni tal-2008-2009 kien pjuttost reżiljenti u kien beda joħloq l-impjiegi fi tmiem l-2010, iddeterjoraw drastikament u qed ikomplu juru differenzi sinifikanti minn pajjiż għall-ieħor. F'ħafna ekonomiji avvanzati, il-ħolqien tal-impjiegi s'issa ma kienx suffiċjenti biex jerġa' jimpjega lill-ħaddiema li tilfu xogħolhom matul il-kriżi, u l-konsegwenzi tar-reċessjoni qegħdin joħolqu aktar tħassib dwar il-possibilità ta' effetti persistenti dwar ir-rati tal-qgħad.

Minbarra żviluppi diverġenti fil-PDG, fatturi rilevanti oħra li jispjegaw id-differenzi fir-rati tal-qgħad fl-Istati Membri kollha jinkludu differenzi fl-ammont ta' aġġustament tas-sigħat tax-xogħol, bżonnijiet differenti ta' rikollokament tax-xogħol f'setturi differenti, eż. biex jitbiegħdu mill-kostruzzjoni, sistemi differenti ta' edukazzjoni u taħriġ, l-iktar il-ftehimiet ta' apprendistat, kundizzjonijiet inizjali ekonomiċi u istituzzjonali differenti u reazzjonijiet politiċi dissimilati għar-reċessjoni.

Minkejja sitwazzjonijiet finanzjarji u tas-suq estremament avversi, il-kumpaniji u l-forzi tax-xogħol tagħhom fl-Ewropa kollha, fil-parti l-kbira, **daħlu fi proċessi kreattivi ta' ristrutturazzjoni li kienu kostruttivi, effettivi u strumentali** biex jillimitaw it-telf ta' impjiegi, permezz ta' arranġamenti innovattivi, spiss bl-appoġġ tal-awtoritajiet pubbliċi u l-Kummissjoni Ewropea.

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea "**Pjan ta' Rkupru Ekonomiku Ewropew**" (COM (2008) 800 finali) adottata f'Novembru 2008 tipprovdi qafas ta' azzjoni koordinata fil-

---

6 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Aġenda għal ħiliet u impjiegi ġodda", COM(2010) 682 finali, punt 1.2.

7 Speċjalizzazzjoni intelliġenti hija kundizzjoni għal sistemi ta' riċerka u innovazzjoni nazzjonali u reġjonali skont l-għodda ta' awtovalutazzjoni tal-Unjoni fl-Innovazzjoni u element kruċjali tal-politika ta' koeżjoni riformata u huwa propost bħala kundizzjonalità *ex-ante* għall-użu tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali fil-perjodu ta' programmazzjoni tal-Fondi Strutturali li jmiss għall-2014-2020. F'Ġunju 2011 tnediet Pjattaforma ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti li se tassisti lir-reġjuni u lill-Istati Membri fl-iżvilupp strateġiji bħal dawn.

livell tal-UE, minn fost il-politiki varji u l-mobilizzazzjoni tal-istrumenti disponibbli għall-appoġġ tal-ekonomija Ewropea. F'dan il-kuntest, il-politika ta' koeżjoni hija ta' importanza partikolari bħala l-għodda ewlenija fil-livell tal-UE għall-investiment fil-kompetittività, it-tkabbir u l-impjiegi[8].

Hija ħaġa urġenti li tiġi **analizzata l-adegwatezza ta' din ir-reazzjoni** fid-dawl tal-inċertezza dwar it-triq għall-irkupru attwali u r-riskji ġodda li resqin mill-orizzont.

L-isfidi tal-kompetittività

F'perspettiva li tolqot iktar il-medda medja taż-żmien, il-progress teknoloġiku u l-innovazzjoni jqassru ċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott u jġiegħlu kostantement lill-kumpaniji u lill-forza tax-xogħol biex jaġġustaw. Barra minn hekk, **bidliet fit-tqassim internazzjonali tax-xogħol** u l-miġja ta' kumpaniji b'saħħithom minn pajjiżi emerġenti, b'mod partikolari dawk speċjalizzati fl-oqsma ogħla tas-suq, ikomplu jżidu l-pressjonijiet kompetittivi fuq il-kumpaniji Ewropej. Il-kompetittività tal-ekonomija Ewropea, il-preservazzjoni tal-attivitajiet u l-impjiegi tagħha u l-iżvilupp ta' prodotti ġodda u l-ftuħ ta' impjiegi relatati se jiddependu iktar u iktar fuq il-**kapaċità tal-kumpaniji Ewropej li jsaħħu l-bażi kompetittiva tagħhom permezz tal-innovazzjoni u adattament rapidu, imma bla xkiel għall-bidla**. F'dan is-sens il-bidla teknoloġika u l-innovazzjoni jistgħu jwasslu għal strateġiji ta' aġġustament għall-kumpaniji u għall-impjiegi, imma hemm indikazzjonijiet ukoll li l-innovazzjoni, flimkien mar-riċerka u l-edukazzjoni jistgħu jwasslu għal mod effettiv biex l-Ewropa toħroġ mill-kriżi. Il-Kummissjoni nediet l-Inizjattiva Ewlenija għal Unjoni fl-Innovazzjoni fl-2010, u rrappurtat dwar il-progress tal-istat tal-Innovazzjoni fl-2011[9].

Il-kumpaniji jdawru r-riżorsi minn industriji u setturi li jipproduċu prodotti u servizzi tradizzjonali, li normalment ikollhom elastiċità tad-domanda baxxa għad-dħul dinji, lejn setturi u industriji b'kontenut ogħla ta' teknoloġija u għarfien, normalment b'elastiċità tad-domanda għolja għad-dħul dinji. Il-kompetittività tal-UE tiddependi mill-kapaċità tagħha li trawwem kundizzjonijiet qafas għall-kumpaniji innovattivi li jikbru malajr u li huma importanti għat-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi[10]. Din se tiddependi wkoll fuq il-kapaċità li tinżamm u tiġi żviluppata ulterjorment bażi produttiva fl-Ewropa li min-naħa tagħha tagħti spinta lill-ekonomija tas-servizzi.

L-intrapriżi għandhom bżonn li jkunu kapaċi jadattaw għall-internazzjonalizzazzjoni tal-produzzjoni dinjija u jilqgħu l-isfida kompetittiva. Kwalunkwe ostakli għal dan jistgħu jxekklu l-kompetittività u l-impjiegi fit-tul. Kundizzjonijiet qafas, kif enfasizzati fl-inizjattiva ewlenija tal-politika industrijali, huma kruċjali biex jippermettu aġġustament ekonomiku ta' suċċess. Hemm bżonn ta' involviment bikri tal-partijiet interessati rilevanti kollha biex il-miżuri ta' aġġustament ikunu suċċess. Aċċess adegwat għall-finanzi huwa partikolarment rilevanti, peress li l-investimenti jistgħu jkunu posposti jew imwaqqfa għalkollox minħabba nuqqas ta' kreditu u aċċess limitat għall-finanzi. Hemm bżonn li jiġu identifikati u jixxerrdu l-prattiki tajba f'dan il-qasam.

---

8 Il-Politika ta' Koeżjoni: Reazzjoni għall-kriżi ekonomika. Reviżjoni tal-implimentazzjoni tal-miżuri tal-politika ta' koeżjoni adottata bħala appoġġ għall-Pjan ta' Rkupru Ekonomiku Ewropew, (SEC(2010) 1291 finali).

9 L-Inizjattiva Ewlenija 2020 għal Unjoni fl-Innovazzjoni, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni SEC(2010) 1161 u r-Rapport dwar l-Istat tal-UI 2011 (2011) 849

10 "Innovation Union Competitiveness report 2011", ec.europa.eu/iuc2011.

L-isfida ta' adattabilità tan-negozji u l-impjegabilità tal-ħaddiema — Kumpaniji fix-xena prinċipali tal-proċess tar-ristrutturazzjoni

L-iżvilupp tar-riżorsi umani u t-tisħiħ tal-ħiliet huma ta' importanza assoluta f'dan il-kuntest. Għalhekk hemm bżonn li l-UE tuża l-esperjenza reċenti biex issaħħaħ il-kompetittività globali, ħalli toħroġ iktar b'saħħitha u ssir ekonomija intelligenti, sostenibbli u inklużiva u twassal livelli għolja ta' impjiegi, produttività, kompetittività u koeżjoni soċjali.

Ir-rendiment pożittiv tal-esportazzjoni ta' xi Stati Membri juri li s-suċċess fis-swieq globali ma jserraħx biss fuq il-kompetittività tal-prezzijiet imma wkoll fuq fatturi oħra bħall-ispeċjalizzazzjoni tal-prodott għas-settur, l-innovazzjoni u l-livelli tal-ħiliet. F'dawn l-oqsma, id-dgħufijiet li ilhom hemm minn qabel il-kriżi qed isiru iktar ovvji.

L-UE, matul l-aħħar ftit għexieren ta' snin, bniet sistema b'saħħitha ta' ħarsien soċjali u tal-impjiegi li, flimkien ma' livell relattivament għoli ta' edukazzjoni, kienet il-bażi għall-prosperità ekonomika u soċjali li kien hemm sa issa. Madankollu, id-dħul ta' atturi ġodda fl-ekonomija globali u ambjenti tan-negozju li qed jinbidlu malajr qed joħolqu sfida għal sistema li kienet effettiva ħafna għall-ħolqien ta' tkabbir u impjiegi. Qed isir dejjem iktar evidenti li mingħajr tibdil, din is-sistema mhix adegwata biex tiżgura li r-riżorsi, speċjalment ir-riżorsi umani, ikunu riallokati malajr u bla xkiel minn attivitajiet f'deklin għal attivitajiet emerġenti. Hija wkoll dejjem inqas u inqas kapaċi li tagħti ċans reali ta' żviluppi professjonistiċi lill-ħaddiema meta l-impjiegi tagħhom ikunu f'riskju, għax ma tikkultivax il-kapaċità tagħha biex tadatta ruħha għall-bidla.

Il-kriżi ekonomika u finanzjarja reċenti u l-pressjoni li ġabet magħha għal bidla strutturali jagħmluha iktar importanti minn qatt qabel li jiġu indirizzati dawn id-dgħufijiet. B'konformità mal-approċċ tal-flessigurtà u l-Istrateġija Ewropa 2020[11], **il-Kummissjoni hija ħerqana li tinkoraġġixxi adattament tan-negozju permanenti għal ċirkustanzi ekonomiċi li qed jinbidlu malajr filwaqt li jkun hemm l-għan ta' grad għoli ta' impjiegi u ħarsien soċjali permezz ta' miżuri xierqa ta' appoġġ. Miżuri li jappoġġaw ir-riallokazzjoni tar-riżorsi bejn il-kumpaniji u x-xogħlijiet huma mixtieqa sew.** Dawn jinkludu bidliet fil-leġiżlazzjoni tal-ħarsien tal-impjiegi u fil-prattiki tan-negozju relatati mar-ristrutturazzjoni korporattiva li ma jxekklux ir-riallokazzjoni tar-riżorsi lejn attivitajiet b'valur miżjud ogħla u attivitajiet li jikbru iktar malajr, imma wkoll taħriġ xieraq u politiki ta' attivazzjoni li, flimkien ma' sistemi mfassla ta' benefiċċju tal-qgħad b'mod adatt, jakkumpanjaw lill-ħaddiema qiegħda lejn impjiegi u professjonijiet differenti.

Operazzjonijiet ta' ristrutturazzjoni huma parti mill-ħajja ta' kuljum tal-kumpaniji, tal-ħaddiema, tal-awtoritajiet pubbliċi u ta' partijiet interessati oħrajn. Fis-snin reċenti, l-UE poġġiet ammont sostanzjali ta' enerġija u sforzi biex tilħaq l-għanijiet politiċi li jiffaċilitaw l-adattament għall-bidla u r-ristrutturazzjoni. Madankollu, minkejja x-xogħol ta' min ifaħħru tal-imsieħba soċjali Ewropej f'dan il-qasam wara konsultazzjonijiet preċedenti mal-Kummissjoni, il-kapaċità ta' adattament tal-kumpaniji, il-ħaddiema u r-reġjuni għandha bżonn li tissaħħaħ aktar.

---

[11] Il-kunċett ta' flessigurtà jinsab fil-qalba ta' strateġija integrata, li kien żviluppat mill-Kummissjoni u l-Istati Membri, fuq il-bażi ta' ftehim wiesa' li l-Ewropa teħtieġ li ssib modi ġodda u aħjar ta' kif is-swieq tax-xogħol ikunu iktar flessibbli, filwaqt li fl-istess ħin jipprovdu forom ġodda u aħjar ta' sigurtà. Din hija reazzjoni komprensiva għall-isfidi ffaċċjati mis-swieq tax-xogħol Ewropew u mis-soċjetajiet fil-kuntest tal-globalizzazzjoni u l-bidla teknoloġika u demografika. Hija parti integrali tal-istrateġija Ewropa 2020 u l-inizjattiva ewlenija tagħha "Ħiliet ġodda u impjiegi ġodda."

Ir-rwol tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali fil-konverżjoni ekonomika u soċjali

Il-kriżi laqtet setturi industrijali sħaħ u għalhekk reġjuni sħaħ, irrispettivament mill-fruntieri nazzjonali. Din żiedet mal-inugwaljanzi ġeografiċi persistenti, kemm bejn ir-reġjuni u kemm fi ħdan ir-reġjuni stess u dan jimmina s-suq uniku.

Ristrutturazzjoni proattiva u dinamika x'aktarx li titħeġġeġ meta l-awtoritajiet pubbliċi jkollhom rwol ta' appoġġ f'operazzjonijiet ta' ristrutturazzjoni u fil-proċessi biex jantiċipawhom billi jiffaċilitaw il-koordinament bejn il-partijiet interessati minn barra u l-kumpaniji.

Ir-rwol tar-reġjuni, apparti dak tal-pajjiżi, fil-promozzjoni ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti huwa ta' importanza assoluta u l-modi ta' kif jissaħħu għandu jkun analizzat iktar.

Is-servizz pubbliku, impjegatur importanti ieħor

Filwaqt li l-fokus ta' din il-Green Paper huwa s-settur industrijali, l-impatt tal-kriżi fuq is-settur pubbliku jrid jiġi indirizzat ukoll filwaqt li jingħaraf ir-rwol importanti tas-settur pubbliku kemm bħala impjegatur kif ukoll bħala fornitur ta' servizz.

L-impjiegi fis-settur pubbliku (inklużi l-amministrazzjoni pubblika, l-edukazzjoni, is-saħħa u l-ħidma soċjali) ilhom jiżdiedu konsiderevolment meta mqabbla mas-setturi l-oħra matul l-aħħar tliet snin b'madwar 2 miljun impjieg iktar. Fil-ħarifa 2010, madankollu, it-tkabbir naqqas fir-ritmu, u fl-ewwel nofs tal-2011 sar negattiv. L-impatt tat-tnaqqis fl-infiq fis-settur pubbliku probabbilment jispjega din il-bidla[12]. It-tnaqqis fl-infiq tas-settur pubbliku se jaffettwa l-iktar lin-nisa kemm bħala impjegati kif ukoll bħala utenti ewlenin tas-servizzi bħal ngħidu aħna l-kura tat-tfal u l-kura tal-anzjani.

Il-produzzjoni tas-settur ta' ħafna servizzi pubbliċi jista' jkun iktar ta' valur għall-kompetittività tal-ekonomija milli jindikaw l-ispiża u l-produttività tagħhom (eż minħabba li jwasslu għal bilanċi pożittivi għoljin għall-konsumatur jew għal titjibiet fil-produttività tal-fattur totali f'setturi oħra). Dan ikun il-każ għas-setturi tas-servizzi bħas-saħħa, l-edukazzjoni, il-kura personali għat-tfal u l-anzjani jew tas-servizzi tat-trasport.

L-awtoritajiet pubbliċi huma responsabbli direttament jew indirettament permezz ta' intrapriżi pubbliċi jew tal-għoti ta' konċessjonijiet għal sehem imdaqqas tal-impjiegi fis-setturi tas-servizzi. Minbarra r-responsabilità ġenerali tagħhom għall-ekonomija, huma għandhom jiżguraw il-kundizzjonijiet għat-trażmissjoni bla xkiel tal-għerf u l-aqwa użu tal-forza tax-xogħol eżistenti tas-setturi li huma responsabbli minnhom. Fl-istess ħin, il-bżonn li l-finanzi pubbliċi jkomplu jiġu kkonsolidati naturalment iħalli impatt fuq l-attivitajiet u l-impjiegi as-settur pubbliku. Ristrutturazzjoni li ttejjeb l-effiċjenza hija dejjem iktar importanti anke fis-settur pubbliku. Dan jenfasizza l-importanza ta' strateġiji ta' ristrutturazzjoni fis-settur pubbliku li jqisu kif xieraq ir-rwol speċifiku tas-servizzi pubbliċi, inkluż permezz tal-kontribuzzjoni għall-produttività fis-settur privat.

Wieħed jista' jistaqsi wkoll kif jistgħu approċċi antiċipattivi u strateġiċi fit-tul għall-ġestjoni fil-bidla u r-ristrutturazzjoni jkunu applikati għas-settur pubbliku, fil-qafas tal-miżuri ta' konsolidazzjoni attwali. Ikun importanti wkoll li jitqies il-bżonn ta' ristrutturazzjoni tas-

[12] Ir-reviżjoni ta' kwart is-sena tar-rapport dwar il-qagħda soċjali u tal-impjiegi tal-UE ta' Settembru 2011 - ESTAT

servizzi pubbliċi kruċjali bħall-kura tas-saħħa u li tiġi żgurata s-sotenibilità fit-tul fid-dawl ta' domanda dejjem tiżdied.

2. IT-TAGĦLIMIET MILL-KRIŻI

L-impatt tal-kriżi finanzjarja fuq l-ekonomija reali inħass sew fl-2009, meta l-PDG niżel għal rata annwali bla preċedent fuq iż-żewġ naħat tal-Atlantiku. L-impjiegi felħu sew fl-Ewropa immedjatament wara r-reċessjoni, l-iktar minħabba l-aġġustament qawwi fis-sigħat maħduma. Sa mit-tieni nofs tal-2009, madankollu, it-tnaqqis fl-impjiegi nxtered sew u l-qgħad spara 'l fuq fil-parti l-kbira tal-pajjiżi tal-UE, għalkemm b'differenzi kbar. L-irkupru reġa' beda jaqbad ir-ritmu fl-ewwel nofs tal-2010 imma stabbilizza ruħu fil-parti l-oħra tas-sena, li jirrifletti wkoll tmiem l-effett ta' fatturi temporanji bħall-miżuri eċezzjonali ta' stimolu. Minkejja rkupru fil-produzzjoni, it-tkabbir fl-impjiegi ma segwiex qabel tard fl-2010 u l-qgħad baqa' fil-livelli għolja milħuqa fl-2009[13].

Ix-xejra kumplessiva tal-impjiegi rriflettiet forom differenti fil-livell settorjali. Filwaqt li inizjalment iż-żieda fil-qgħad laqtet l-iktar lill-industriji l-iktar esposti għaċ-ċiklu tan-negozju u li setgħu jserrħu fuq ammont limitat ta' aġġustament fis-sigħat tax-xogħol, b'mod partikolari il-kostruzzjoni, hemm evidenza li parti minn din iż-żieda qiegħda ssir endemika. Minkejja l-użu mifrux ta' skemi ta' ħidma għal żmien qasir, l-impjiegi naqsu wkoll fil-manifattura u baqgħu fit-triq tan-niżla matul l-irkupru. Dawn ix-xejriet jistgħu jkunu dovuti għall-aġġustament li nbeda bir-reċessjoni dinjija wara kapaċità eċċessiva f'ċerti setturi u mill-fatt li t-telf fil-PDG matul ir-reċessjoni qiegħed jirriskja li jsir permanenti.

Il-bżonn li l-ħaddiema jiġu riallokati minn setturi bi produttività baxxa għal setturi bi produttività għolja jista' jwassal għal perjodi itwal ta' qgħad u rata ta' qgħad strutturali għoli, li min-naħa tiegħu jkollu effetti negattivi fuq il-kapital uman, u b'hekk jikkontribwixxi iktar għal qgħad persistenti[14].

Il-veloċità li biha l-qgħad se jmur lura għal-livelli ta' qabel il-kriżi mhux se tiddependi biss mill-perspettiva tat-tkabbir u mill-kundizzjonijiet ekonomiċi u istituzzjonali differenti fil-bidu, imma se tiddependi wkoll mill-bżonn għal riallokazzjoni settorjali u mill-kapaċità tal-kumpaniji li jaġġustaw l-ispejjeż tax-xogħol direttament jew permezz ta' varjazzjoni fis-sigħat maħduma. Din se tiddependi wkoll mill-preżenza tal-oqfsa politiċi ta' appoġġ, li jinkludu s-sistemi tal-benefiċċji tal-qgħad u l-politiki ta' attivazzjoni li jipprovdu inċentivi għan-nies qiegħda biex imorru lura għax-xogħol; oqfsa li jiffissaw il-paga li jappoġġaw l-aġġustament fil-paga; sistemi fiskali li jinkoraġġixxu l-ħolqien tal-impjiegi; suq tax-xogħol attiv fil-mira u politiki ta' taħriġ li jiffaċilitaw it-tranżazzjonijiet fis-suq tax-xogħol u t-treġija lura għax-xogħol għal dawk li ilhom qiegħda.

L-esperjenza mill-kriżi ekonomika turi li, minkejja sitwazzjonijiet finanzjarji u tas-suq estremament avversi, il-kumpaniji u l-forzi tax-xogħol tagħhom fl-Ewropa kollha, fil-parti l-kbira, daħlu fi proċessi ta' ristrutturazzjoni li kienu kostruttivi, effettivi u strumentali biex jillimitaw it-telf ta' impjiegi permezz ta' arranġamenti innovattivi.

---

13 Sors : Labour market developments in Europe 2011, European Commission, European Economy 2/2011.

14 Ir-reazzjoni tardiva tal-impjiegi għall-irkupru kienet ukoll il-kontroparti taż-żamma bilfors ta' impjiegi matul ir-reċessjoni u kienet akkumpanjata minn irkupru konsiderevoli fil-produttività tax-xogħol

Kif enfasizzat fir-Rapport tal-2009 mill-Osservatorju għar-Ristrutturazzjoni Ewropea (ERM) bl-isem "Restructuring in recession"[15], b'reazzjoni għall-kriżi, ħafna kumpaniji fl-Ewropa kollha ħadu inizjattivi biex jinżammu l-impjiegi — bl-iktar mod prominenti **b'bosta mezzi ta' tnaqqis tal-ħinijiet tax-xogħol (ara l-kaxxa)**. Dawn jinkludu twaqqif fil-produzzjoni, obbligi ta' teħid ta' liv annwali, ġimgħat jew jiem tax-xogħol iqsar, użu msaħħaħ ta' kontijiet tal-ħin tax-xogħol, rotazzjonijiet fil-liv u sabbatikali. F'xi kumpaniji, il-livelli tal-pagi ġew aġġustati 'l isfel, bi tnaqqisiet temporanji ta' 10-20 % ma jkunux xi ħaġa rari. Il-parti l-kbira tal-kumpaniji marru għal kumbinazzjonijiet differenti ta' dawk il-miżuri, u **negozjati intensi** wasslu għal firxa wiesgħa ta' kompromessi — pereżempju, pagi iktar baxxi għal ishma fil-kumpanija. Pakketti ta' indennità, spiss akkumpanjati minn irtirar bikri, huma komuni wkoll.

Iktar minn qatt qabel, **id-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv** kellhom rwol kruċjali fl-adattament tal-produzzjoni, l-organizzazzjoni tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol għal ċirkostanzi pressanti u li jinbidlu malajr matul il-kriżi.

Min-naħa tagħhom, l-awtoritajiet pubbliċi żiedu l-istrumenti pubbliċi bil-mira li jippromwovu r-riintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' dawk li sfaw qiegħda matul il-kriżi. F'fażi bikrija tal-kriżi, l-Istati Membri saħħew il-kapaċità ta' reazzjoni tas-**servizzi tal-impjiegi pubbliċi** u l-offerta tas-servizzi tagħhom. Madankollu, iż-żieda fid-dewmien tat-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku wassal lil xi gvernijiet biex jaqtgħu l-infiq filwaqt li jnaqqsu r-riżorsi tal-amministrazzjoni pubblika, inklużi s-servizzi tal-impjiegi pubbliċi (PES)[16]. Xi Stati Membri waqqfu jew saħħew **entitajiet ta' riklassifikazzjoni speċifiċi**. Dawn l-entitajiet normalment ikollhom ħafna partijiet interessati, inklużi l-istat, l-awtoritajiet reġjonali, l-imsieħba soċjali u atturi lokali oħrajn. L-effiċjenza tagħhom, li hija r-riżultat ta' speċjalizzazzjoni fir-riklassifikazzjoni professjonali, flimkien mal-livelli għoljin ta' fiduċja inerenti f'governanza b'partijiet interessati multipli jagħmilhom għodda ta' valur biex wieħed jiflaħ għall-effetti tat-tnaqqis ekonomiku.

Ġimgħat tax-xogħol iqsar kienu probabbilment l-iktar reazzjoni innovattiva għall-kriżi, spiss b'appoġġ pubbliku estensiv għal dawn l-iskemi. B'mod ġenerali, il-ħaddiema ġew ikkompensati għas-sigħat mitlufa kemm fil-pajjiżi bi skemi pubbliċi u kemm fil-pajjiżi fejn it-tnaqqis fil-ħin tax-xogħol kien regolat bi ftehim kollettiv, bl-awtoritajiet pubbliċi jintervjenu fl-ewwel każ biex iżidu l-kumpens maqbul kollettivament. Sa liema punt it-taħriġ ikun ipprovdut matul il-ħin liberu li sar disponibbli jvarja konsiderevolment ukoll bħalma jvarja sa liema punt jinżammu l-kontributi tas-sigurtà soċjali matul il-perjodu ta' sigħat tax-xogħol imnaqqsin.

Waqt ir-reċessjoni tal-2008-2009, it-tnaqqis fis-sigħat maħduma kienet l-istrateġija ewlenija ta' ffrankar tal-ispejjeż għall-kumpaniji. Madankollu, it-tnaqqis tas-sigħat tax-xogħol bħala reazzjoni għall-kriżi mhix dejjem possibbli. Fil-kumpaniji tnaqqis temporanju fil-ħin tax-xogħol ikun possibbli meta jkunu disponibbli bilanċi pożittivi fil-kontijiet tal-ħin tax-xogħol. Barra minn hekk, dawn l-iskemi ta' xogħol għal żmien qasir x'aktarx li jitilfu l-effettività tagħhom meta tippersisti domanda dgħajfa fix-xogħol. Irtirar tardiv ta' dawn l-iskemi jistgħu jġibu magħhom spejjeż sostanzjali minħabba li jorbot ix-xogħol ma' attivitajiet f'deklin u b'hekk jipprevjeni r-riallokazzjoni neċessarja tar-riżorsi, jagħmel ħsara lill-prospetti ta' tkabbir

---

15 http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef0973.htm. Ara wkoll ir-Rapport annwali tal-ERM tal-2011: http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef1165.htm.

16 Fi stħarriġ tal-KE dwar "l-aġġustament għall-kriżi 2011 mill-PES", 13 minn 21 rispondent iddikjaraw li r-riżorsi finanzjarji tagħhom se jitnaqqsulhom fit-12-il xahar li ġejjin. F'9 minn dawk it-13-il każ dawn ir-riduzzjonijiet ammontaw għal 10%.

futuri u jxekkel il-kompetizzjoni. Finalment, id-disponibilità ta' skemi sponsorizzati mill-gvern jiddependu mis-sitwazzjoni fiskali tagħhom li marret lura f'bosta pajjiżi.

Meta dawn il-mekkaniżmi jiġu analizzati, huwa importanti li jitqies il-fatt li l-effiċjenza u l-impatt tagħhom, kemm min-naħa ekonomika u kemm min-naħa soċjali, varjaw konsiderevolment f'kuntesti nazzjonali u settorjali diversi. Kwalunkwe konklużjonijiet dwar l-adegwatezza u/jew it-trasferibilità tagħhom lejn kuntesti oħra għandhom għalhekk jinkludu analiżi tal-fatturi ta' suċċess.

Tnaqqis fil-ħin tax-xogħol u skemi ta' ħidma għal żmien qasir — xi evidenza

L-analiżi tal-bidliet fl-impjiegi u fil-ħinijiet tax-xogħol b'reazzjoni għat-tnaqqis fil-produzzjoni turi li l-aġġustament tas-swieq tax-xogħol tal-Istati Membri varja sostanzjalment matul l-agħar żmien tal-kriżi. Filwaqt li f'xi pajjiżi t-telf tal-impjiegi kien immedjat, f'oħrajn l-impjegaturi, f'xi każijiet appoġġati mill-awtoritajiet pubbliċi permezz ta' skemi ta' xogħol għal żmien qasir, l-ewwel naqqsu is-sigħat tax-xogħol tal-ħaddiema tagħhom minflok ma keċċewhom.

It-tabella ta' hawn taħt turi li t-tnaqqis fil-ħin tax-xogħol intuża l-aktar fl-UE fl-ewwel kwart tal-2009, meta l-produzzjoni tal-manifattura kienet fil-punt ċikliku l-iktar baxx tagħha. Wara l-irkupru tal-produzzjoni, is-sigħat medji maħduma żdiedu wkoll li jindika kemm l-irtirar tax-xogħol għal żmien qasir u kemm f'xi każijiet aġġustamenti fil-forza tax-xogħol.

Tabella: It-tkabbir kull kwart ta' sena fl-impjiegi u s-sigħat medji maħduma fis-settur tal-manifattura fl-UE (aġġustat staġjonalment)



Sors: Eurostat.

Meta tħares lejn l-iżviluppi fl-Istati Membri, it-tnaqqis fis-sigħat tax-xogħol intuża sew f'bosta pajjiżi fl-ewwel kwart tal-2009. B'mod partikolari, it-tnaqqisiet fil-ħinijiet tax-xogħol kienu

sostanzjali fil-Ġermanja, fil-Belġju u fl-Awstrija li rnexxielhom iżommu l-impjiegi f'livell simili għas-sena ta' qabel.

Tabella: Bidla fil-livell tal-impjiegi u fl-għadd medju ta' sigħat tax-xogħol fil-manifattura fi Q12009 meta mqabbel ma' Q12008 (aġġustat staġjonalment)



Sors: Eurostat (dejta għall-Italja mhix disponibbli)

Jidher li hemm xi indikazzjoni li skemi ta' xogħol għal żmien qasir inaqqsu r-rata ta' telf tal-impjiegi u ż-żieda assoċjata mal-qgħad f'dawn l-ekonomiji. Barra minn hekk, dawn l-iskemi huma ta' benefiċċju għan-negozji, li b'hekk ikunu jistgħu jżommu ħaddiema b'ħiliet kbar jew imħarrġa apposta għal matul perjodu ta' tnaqqis ekonomiku.

Analiżi tal-Kummissjoni[17] indikat li dawn l-iskemi kienu effettivi fit-tnaqqis tal-impatt tal-kriżi ekonomika fuq it-telf tal-impjiegi u enfasizzat li l-irtirar f'waqtu ta' dawn il-miżuri kien neċessarju wara l-kriżi ekonomika. L-istudju jenfasizza r-riskju li l-użu fit-tul ta' xogħol għal żmien qasir jappoġġa d-domanda fis-setturi f'deklin u possibbilment jipposponi r-ristrutturazzjoni tagħhom, speċjalment meta l-ispejjeż tar-riallokazzjoni tax-xogħol ikunu baxxi u l-inċentivi għar-ristrutturazzjoni jkunu għoljin. Bil-posponiment tar-riallokazzjoni, skemi ta' xogħol għal żmien qasir iżommu lura l-produttività u l-kisbiet konsegwenti fil-pagi. Biex ikunu l-iktar effettivi, dawn l-iskemi għandhom ikunu marbuta ma' sistema ta' benefiċċji effiċjenti tal-qgħad li tippromwovi r-riallokazzjoni tax-xogħol. Din l-analiżi hija appoġġata minn studju reċenti tal-OECD[18] li jissuġġerixxi li l-iskemi ta' xogħol għal żmien qasir kellhom impatt ekonomikament importanti għall-preservazzjoni tal-impjiegi matul it-tnaqqis ekonomiku, bl-ikbar impatti fil-Ġermanja u l-Ġappun fuq il-ħaddiema b'kuntratti permanenti.

---

17 Alfonso Arpaia et al., 'Short time working arrangements as response to cyclical fluctuations', il-Kummissjoni Ewropea, European Economy Occasional Paper Nru 64, Lulju 2010.

18 Alexander Hijzen u Danielle Venn, 'The role of short-time work schemes during the 2008-09 recession' OECD Working Paper 115, Jan 2011.

Skemi bħal dawn kienu ta' suċċess kbir biex jinżammu l-impjiegi f'dawn l-ekonomiji.

B'konformità mar-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fil-Pjan ta' Rkupru Ekonomiku Ewropew, **l-Istati Membri introduċew pakketti komprensivi ta' kontra l-kriżi** biex jilqgħu l-impatt tal-kriżi finanzjarja fuq id-domanda aggregata u jipprevjenu t-telf eċċessiv tax-xogħol b'reazzjoni għall-kontrattazzjoni temporanja tal-produzzjoni. Barra l-iskemi tax-xogħol għal żmien qasir, il-kopertura u l-ġenerożità tal-benefiċċji tal-qgħad żdiedet f'bosta Stati Membri. Miżuri għal żmien qasir jinkludu wkoll appoġġ dirett lill-intrapriżi, bħal self jew garanziji biex jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzi; tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali; skemi ta' ħolqien tal-impjiegi fis-settur pubbliku; politiki attivi tas-suq tax-xogħol imsaħħa u dispożizzjonijiet għal taħriġ normalment bil-ħaddiema qiegħda fil-mira.

Sa mill-2010, l-irkupru tal-bidu flimkien ma' iktar restrizzjonijiet fiskali vinkolanti wasslu għal reviżjoni tal-prijoritajiet politiċi. Ir-riformi se jkollhom ikunu xierqa f'kuntest fejn it-tkabbir qiegħed ikompli gradwalment imma x-xogħol għadu mhux jagħti l-kontribut sħiħ tiegħu għall-potenzjal tat-tkabbir minħabba qgħad għoli u persistenti. Il-fokus irid ikun fuq is-sistemi tat-taxxa u l-benefiċċji li jiżguraw li bix-xogħol ikun jaqbillek iktar; politiki ta' attivazzjoni li jirrikompensaw lin-nies qiegħda li jmorru lura għax-xogħol; sistemi ta' protezzjoni tal-impjiegi li jsibu bilanċ bejn is-sigurtà u l-flessibilità; żviluppi fil-pagi konsistenti mal-bżonnijiet ta' ribilanċjament u aġġustament tal-ekonomija. Ħafna mill-miżuri ta' emerġenza tas-suq tax-xogħol meħuda sa mill-bidu nett tal-kriżi finanzjarja tneħħew b'mod gradwali. Politiki attivi tas-suq tax-xogħol u tat-taħriġ issaħħu, filwaqt li xi pajjiżi bdew jirriformaw il-leġiżlazzjoni dwar il-ħarsien tal-impjiegi biex irawmu l-ħolqien tax-xogħol u jiġġieldu s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol.

Il-miżuri u l-prattiki politiċi msemmija hawn fuq b'relazzjoni għar-ristrutturazzjoni, b'referenza speċjali għall-iskemi ta' xogħol għal żmien qasir waqt il-kriżi huma xierqa? F'liema kuntesti speċifiċi? Huma kapaċi jifilħu għal domanda persistentement dgħajfa? Finalment, x'jistgħu jagħmlu l-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-imsieħba soċjali biex jiskambjaw, ixerrdu u jħeġġu l-applikazzjoni usa' tal-aqwa prattiki f'dan il-qasam?

3. L-ISFIDI TAL-KOMPETITTIVITÀ: L-IMPORTANZA TAT-TRAWWIM TAL-AĠĠUSTAMENT EKONOMIKU U INDUSTRIJALI

Modi differenti għall-kumpaniji biex jaġġustaw ruħhom

L-aġġustament huwa parti mill-proċess kompetittiv għall-intrapriżi. Dan huwa mezz biex il-kumpaniji jtejbu l-produttività tagħhom. Il-bżonn għal aġġustament kostanti jirriżulta mit-tibdil teknoloġiku, l-innovazzjoni, kompetizzjoni iktar qalila u l-emerġenza ta' kompetitturi ġodda, bidliet fil-preferenzi tal-konsumatur, bidliet fil-leġiżlazzjoni, id-disponibilità u l-prezz tar-riżorsi u kontributi oħrajn, l-aċċess għas-suq, eċċ[19]. Il-pressjoni għall-bidla li tista' ssir matul żminijiet normali titqawwa matul perjodi estiżi ta' attività ekonomika dgħajfa. Il-kumpaniji li ma jirnexxilhomx jaġġustaw għall-kundizzjonijiet dejjem jinbidlu ma jlaħħqux mal-kompetitturi fi żmien twil.

[19] Ara pereżempju l-istudju ta' DĠ ENTR "Measuring and benchmarking the structural adjustment performance of EU industry", disponibbli fl-indirizz http://ec.europa.eu/enterprise/policies/industrial-competitiveness/industrial-policy/future-of-manufacturing/files/key_findings_measuring_and_benchmarking_en.pdf

L-aġġustament tista' għalhekk tarah fil-kuntest ta' proċess ta' riallokazzjoni tar-riżorsi, fejn l-istrutturi produttivi eżistenti jkunu fil-mira u possibbilment jinbidlu bi strutturi u kumpaniji iktar effiċjenti u kompetittivi. B'bażi industrijali dejjem b'iktar ħiliet u dejjem iktar intensiva fil-kapital u t-teknoloġija, l-industrija tal-UE se ssir terġa' iktar integrata fil-ktajjen tal-valur internazzjonali hekk kif is-sorsi globali jsiru iktar kumplessi u sabiex isservi lis-swieq tat-tkabbir globali.

Dan l-aġġustament jista' jieħu l-forma ta' bidliet fl-attivitajiet tal-kumpanija, eż. kamp ta' applikazzjoni usa' jew idjeq, bidla fil-pożizzjoni tagħha fil-katina tal-valur, tinqasam biex toħloq impriżi ġodda u intraprenditorjat intern, użu ġdid tal-assi, konsolidazzjoni tal-bilanċi, titjib fil-ħiliet u t-taħriġ, u/jew bdil organizzattiv fil-ġestjoni tal-kumpanija. F'termini konkreti, qed jitfaċċaw mudelli ta' negozju ġodda li jqarrbu l-manifattura iktar mas-servizzi. L-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi bħal metodi ta' produzzjoni iktar effiċjenti fir-riżorsi jew teknoloġiji ġodda bħal materjali avvanzati u n-nanoteknoloġija jista' jkollhom implikazzjonijiet għal deċiżjonijiet ta' esternalizzazzjoni, eċċ. Dawn huma wħud mill-attivitajiet li jkunu parti mid-dinamiċi ta' kuljum tan-negozju biex intrapriża tibqa' kompetittiva.

Kundizzjonijiet qafas meħtieġa għal aġġustament effiċjenti

Il-kumpaniji u s-setturi nnifishom normalment ikunu jafu aktar dwar il-bżonnijiet tagħhom ta' ristrutturazzjoni. Biex jinkiseb aġġustament effiċjenti, il-kumpaniji għandhom bżonn joperaw f'ambjent fejn il-kundizzjonijiet qafas xierqa jippermettu dan l-aġġustament. Kwalunkwe ostakli għal dan l-aġġustament ixekklu l-kompetittività u l-impjiegi fit-tul.

Is-Suq uniku jrid jgħin jistabbilixxi l-kundizzjonijiet qafas u joħloq l-opportunitajiet fl-Ewropa kollha. Il-funzjonament tas-suq tax-xogħol u l-mobilità huwa aspett importanti. Oqsma importanti oħra għall-intrapriżi u għas-soċjetà b'mod ġenerali, jinkludu l-funzjonament tas-swieq kapitali (l-aċċess għall-finanzi), il-grad tal-kompetizzjoni għas-swieq tal-prodotti, l-effiċjenza tas-sistemi tar-riċerka u l-iżvilupp, l-ambjent intraprenditorjali, il-mekkaniżmi għat-trasferiment tal-għerf u l-użu tat-teknoloġija, sistema edukattiva u taħriġ effettivi u sfidi usa' tas-soċjetà. Dawn mhumiex biss aspetti regolatorji. L-Att dwar is-Suq Uniku u l-inizjattiva Ewlenija dwar l-Unjoni fl-Innovazzjoni huma ggerjati lejn it-tneħħija sistematika ta' dawn l-ostakli billi jippermettu lill-intrapriżi biex joħorġu b'ideat tajbin iktar malajr għas-suq, l-aġġustament u t-tkabbir. SMEs innovattivi ħafna u għenieqed ta' innovazzjoni qed isiru l-kanal ewlieni għall-proċess ta' innovazzjoni u produzzjoni. Dan jissarraf fi bżonn dejjem jiżdied għal politika għall-għenieqed u speċjalizzazzjoni intelliġenti, għal provvista ta' ħiliet kif ukoll għal għerf fokalizzat tas-swieq futuri u teknoloġiji ewlenin rilevanti.

Ristrutturazzjoni

Ir-ristrutturazzjoni tista' tikkonċerna kumpanija waħda, tkun relatata mal-iżvilupp tan-negozju li jkollha għaddej jew tkun marbuta ma' nuqqas ta' investimenti preċedenti. Hija tista' tinvolvi wkoll settur sħiħ jew xi oqsma ta' dan is-settur. Barra minn hekk, hemm differenzi ċari bejn is-setturi, b'xi wħud ikunu iktar affettwati minn oħrajn mill-pressjoni msemmija fuq. Pereżempju, industriji bħat-tagħmir, il-kimiċi, il-vetturi bil-mutur jew il-makkinarji elettriċii jista' jingħad li huma milquta sew mill-kompetizzjoni globali u l-iżvilupp teknoloġiku. Dan għandu implikazzjonijiet għall-bżonn tagħhom ta' ristrutturazzjoni effiċjenti.

Eżempju reċenti ta' kif kumpaniji u setturi qed jittrattaw ir-ristrutturazzjoni f'ambjent ekonomiku u soċjali huwa dak tal-industrija awtomobilistika fir-Rapport Interim tal-Grupp ta' Livell Għoli CARS 21 adottat fit-2 ta' Diċembru 2011 (ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanjah "Ristrutturazzjoni fl-Ewropa 2011"[20]).

Xi operazzjonijiet ta' ristrutturazzjoni (eż. l-għeluq ta' partijiet mill-ktajjen tal-provvista, tkeċċijiet temporanji ta' xi impjegati) se jħallu konsegwenzi negattivi għall-ekonomija ta' madwarhom. Dan ifisser li hemm rwol għal min ifassal il-politika, imma tweġiba politika effiċjenti ma għandhiex tittardja jew timblokka ristruttarazzjoni meħtieġa li ssaħħaħ l-effiċjenza. Minflok huwa għandu jiffoka fuq miżuri politiċi li jiffaċilitaw ir-riallokazzjoni tar-riżorsi lejn intrapriżi/setturi differenti.

B'mod partikolari, l-aċċess għall-finanzi huwa ta' importanza vitali għall-attivitajiet ekonomiċi, peress li aġġustamenti neċessarji li jinvolvu l-investiment jistgħu jiġu posposti jew imwaqqfa permezz ta' aċċess limitat għal fondi esterni. Aċċess għall-finanzi bħal dan ikun influwenzat mhux biss mis-swieq kapitali jew mill-appoġġ finanzjarju pubbliku, imma wkoll minn fatturi regolatorji oħrajn bħar-regoli tat-tassazzjoni korporattiva jew tal-falliment. Proċeduri ta' falliment twal u mimlija piżijiet jistgħu effettivament jipprevjenu lil intraprendituri onesti milli jidħlu lura għan-negozju u li kieku b'hekk isalvaw impjiegi eżistenti filwaqt li joħolqu impjiegi ġodda, minkejja evidenza sostanzjali li dawn in-negozji "tat-tieni ċans" jikbru iktar malajr u jkunu iktar reżiljenti minn negozji li jkunu għadhom jibdew b'mod tradizzjonali[21].

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir, Att dwar in-Negozji ż-Żgħar għall-Ewropa" tal-2008[22] u l-Komunikazzjoni li ssegwiha "Reviżjoni tal-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar għall-Ewropa" tal-2011[23] jitolbu lill-Istati Membri biex jieħdu żewġ azzjonijiet speċifiċi biex jittrattaw din il-kwistjoni. B'mod partikolari, il-Komunikazzjoni tal-2008 talbet lill-Istati Membri biex "ikollhom l-għan li, fil-każ ta' falliment mhux frawdolenti, ilestu l-proċeduri legali kollha biex jagħlqu n-negozju fi żmien sena" u l-Komunikazzjoni tal-2011 talbet lill-Istati Membri biex "jippromwovu l-idea tat-tieni ċans għall-intraprendituri billi jillimitaw iż-żmien tat-twettiq u tal-ħlas tad-djun għal intraprenditur onest wara li jfalli għal massimu ta' tliet snin, sal-2013"

Ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat[24] għandhom rwol f'xi każijiet ta' ristrutturazzjoni. Dan it-tip ta' għajnuna tista' tingħata għal kumpaniji li jitqiesu vijabbli imma b'diffikultà u jispiċċaw falluti mingħajr appoġġ pubbliku peress li l-ebda entitajiet privati ma jkunu disposti jipprovulhom il-kapital. Għalhekk, din l-għajnuna tirrelata biss għal sitwazzjonijiet estremi fejn il-kumpaniji jista' jkun li ma jirreaġixxux fil-ħin għal ambjent li jkun qed jinbidel.

---

20 Ara l-punt 4.3.2 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal. Għar-rapport, ara http://ec.europa.eu/enterprise/sectors/automotive/competitiveness-cars21/cars21/index_en.htm

21 L-istudju dwar id-"Dinamiċi tan-Negozju" (http://ec.europa.eu/enterprise/policies/sme/business-environment/files/business_dynamics_final_report_en.pdf) jiġbor din l-evidenza, flimkien ma' informazzjoni estensiva dwar il-liġijiet tal-falliment tal-Istati Membri u analiżi tal-effetti ta' proċedimenti differenti fuq l-intraprendituri u n-negozji. Iktar informazzjoni inkluż għażla tal-"aqwa prattiki" ta' appoġġ għal intraprendituri falluti u onesti tista' ssibha fil-protal "tat-tieni ċans" hawnhekk: http://ec.europa.eu/enterprise/policies/sme/business-environment/failure-new-beginning/index_en.htm

22 COM(2008) 394 finali tal-25.06.2008.

23 COM(2011) 78 finali tat-23.02.2011.

24 Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u għar-ristrutturar ta' kumpaniji f'diffikultà: http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:C:2004:244:0002:0017:EN:PDF.

Il-Kummissjoni tixtieq tisma' l-fehmiet tal-partijiet interessati rigward il-mistoqsijiet li ġejjin:

- X'tipi ta' kundizzjonijiet qafas huma l-aktar xierqa sabiex ikun jista' jsir aġġustament industrijali b'suċċess?

- X'miżuri eżistenti dwar l-aċċess għall-finanzi biex jakkumpanjaw aġġustament strutturali jikkostitwixxu prassi tajba?

- X'miżuri ulterjuri hemm bżonn li jittieħdu biex jittejbu l-proċedimenti tal-falliment?

4. L-ISFIDA TA' ADATTABILITÀ TAN-NEGOZJI U L-IMPJEGABILITÀ TAL-ĦADDIEMA — KUMPANIJI FIX-XENA PRINĊIPALI TAL-PROĊESS TAR-RISTRUTTURAZZJONI

L-UE rnexxielha tissalvagwardja l-bażi produttiva tal-ekonomija tagħha għal tul l-agħar snin tat-tnaqqis ekonomiku. Madankollu, bil-kundizzjonijiet makroekonomiċi inċerti ta' bħalissa, il-kapaċità tal-industrija Ewropea li tibqa' kompetittiva u tħares l-impjiegi tagħha se tiddependi iktar u iktar mill-**kapaċità tagħha ta' innovazzjoni** kif ukoll mill-**adattament malajr u bla xkiel għall-bdil.** Dan il-bdil huwa dovut għall-progress teknoloġiku, xejriet kummerċjali li jinbidlu, il-qafas regolatorju dejjem jevolvi, il-bdil fil-mudelli tan-negozju u l-imġiba tal-konsumaturi. L-UE, permezz tal-azzjonijiet tagħha f'oqsma politiċi differenti, hemm bżonn li tappoġġja s-settur tan-negozju tagħha f'dan ir-rigward. L-iskala tar-ristrutturazzjoni ekonomika u l-bidla soċjali li ġejja mill-addattament profond meħtieġ mill-isfidi ambjentali, ekonomiċi, teknoloġiċi, tas-suq u tas-soċjetà, u aċċellerati bir-reċessjoni l-kbira, huma immensi. Min-naħa tal-impjiegi, dan se **jinvolvi kemm il-ħolqien tal-impjiegi u kif ukoll it-telf tal-impjiegi** u fuq kollox **it-trasformazzjoni tal-impjiegi** (f'termini ta' kompiti ġodda, profili ta' ħiliet ġodda u arranġamenti ġodda tax-xogħol). Filwaqt li forza tax-xogħol ikkwalifikata hija waħda mill-**fatturi ta' kompetittività** ewlenin tal-industrija Ewropea, din ma tistax tiġi skontata u sosteniment għal dan il-fattur jitlob approċċ proattiv.

L-adattament bla xkiel għall-bidla b'mod ċar jitlob bżonniijiet għal ħiliet u investiment adegwat fil-kapital uman. Sabiex jiġi sostnut tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv huwa essenzjali li **jiġi żgurat li l-kumpaniji jkollhom forza tax-xogħol b'ħiliet adatti sabiex jiġu evitati n-nuqqasijiet ta' ħiliet u li jkollok ħiliet li ma jaqblux ma' dawk meħtieġa.** L-antiċipazzjoni tar-rekwiżiti tal-ħiliet futuri (pereżempju, il-bżonn ta' ħiliet ekoloġiċi u ħiliet f'oqsma bħas-saħħa u l-kura soċjali) u l-adattament konsegwenti tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, il-kurrikuli u l-kwalifiki f'kollaborazzjoni mal-imsieħba soċjali, l-iżvilupp ta' apprendistat ta' taħriġ mill-ġdid ta' kwalità fil-kuntest tat-tagħlim tul il-ħajja tal-ħaddiema li huma diġà attivi fis-settur huwa kruċjali wkoll biex il-qgħad jinżamm baxx. Fil-każ ta' nuqqasijiet ta' ħilieti, il-kumpaniji għandhom ikunu lesti jfittxu barra l-pajjiż għat-talent. Għal dan l-għan, **l-investiment fil-ħiliet tal-ICT u fl-alfabetizzazzjoni diġitali** huwa imperattiv. L-impjiegi qed jiġu ġġenerati fil-produzzjoni ta' semikondutturi ġodda effiċjenti fl-enerġija, fil-forniment ta' servizzi tal-cloud computing, fis-sigurtà ċibernetika u fil-forniment ta' applikazzjonijiet tal-virtwalizzazzjoni. Minħabba f'hekk, se jkun hemm talba qawwija għal nies bil-ħiliet meħtieġa f'dawn is-setturi, u inizjattivi speċifiċi għall-eSkills għandhom ikunu inkoraġġiti.

Il-kriżi ekonomika u finanzjarja u l-aċċellerazzjoni konkomitanti tal-bdil, bil-bżonnijiet li jsegwu minnha għar-ristrutturazzjoni f'ċerti setturi u għar-riallokazzjoni settorjali tax-xogħol,

għamluha iktar importanti minn qatt qabel għall-Ewropa li tindirizza d-dgħufijiet eżistenti fir-rigward tal-adattabilità tan-negozji u l-impjegabilità tal-ħaddiema.

Il-Kummissjoni trid tinkoraġġixxi adattament tan-negozju permanenti għal ċirkustanzi ekonomiċi li qed jinbidlu malajr filwaqt li jkun hemm l-għan ta' grad għoli ta' impjiegi u ħarsien soċjali permezz ta' miżuri xierqa ta' appoġġ. Miżuri li jappoġġaw ir-riallokazzjoni tar-riżorsi fost il-kumpanijiet u s-setturi huma meħtieġa sew kif ukoll miżuri ta' kapitalizzazzjoni fuq dawk b'ħiliet għoljin imma iktar iktar fuq iż-żgħażagħ qiegħda. Antiċipazzjoni u ġestjoni aħjar tar-ristrutturazzjoni għandu jgħin lill-impjegati u lill-kumpaniji biex jadattaw għat-tranżizzjonijiet imposti minn kapaċitajiet eċċessivi u mill-modernizzazzjoni u minn aġġustament strutturali.

Ir-rappreżentanti tal-maniġment u tal-impjegati huma l-atturi ewlenin li jridu jiddiskutu strateġiji ta' ristrutturazzjoni li jħarsu 'l quddiem fil-livell tal-kumpanija. **Miżuri politiċi jakkumpanjaw** ristrutturazzjoni bħal din biex tiġi evitata t-tbatija soċjali u jiġu promossi ħiliet u imjiegi ġodda billi tiġi ffaċilitata l-konverżjoni ekonomika u t-tranżizzjoni professjonali. Sabiex tiġi ffaċilitata r-riallokazzjoni tal-fatturi meta jkun meħtieġ, il-politiki għandu jkollhom il-mira li jipprevjenu lir-riġiditajiet fis-suq tax-xogħol u l-istruttura tal-ħiliet tagħha milli jkunu ta' xkiel għall-aġġustament u t-tkabbir ekonomiku.

Fl-istess ħin, l-effetti soċjali u tas-saħħa tal-insikurezza fl-impjiegi, l-adattament, it-telf tal-impjiegi, u l-qgħad fit-tul hemm bżonn li jiġu indirizzati b'approċċi effettivi li jippermettu li l-impjegati jadattaw tuħhom għall-bdil fil-postijiet tax-xogħol, jirriintegraw malajr fis-swieq tax-xogħol u jimmitigaw l-effetti fuq is-saħħa tat-tranżizzjonijiet. Prattiki emerġenti fil-livell tal-kumpanija u tas-settur jistgħu jiġu nnotati f'dan il-qasam, anke matul żminijiet ta' kriżi.

L-amplifikazzjoni tal-fatturi li jwasslu għall-bidla qed ikollha effett profond fuq il-mod ta' kif l-imsieħba soċjali u l-awtoritajiet pubbliċi jindirizzaw din il-kwistjoni. F'diversi Stati Membri, fis-snin reċenti kien hemm **tendenza ċara li titbiegħed minn strateġija purament korrettiva lejn azzjoni preventiva, jiġifieri bidla għal strateġija iktar proattiva li tgħin biex timminimizza l-impatti soċjali marbuta mal-proċess ta' ristrutturazzjoni**. Strateġiji preventivi jintegraw ir-riskji inerenti fir-ristrutturazzjoni, sabiex ir-riżultat ikun jista' jkun kemm mobilità professjonali pożittiva tal-ħaddiema affettwati u kemm żieda tal-kompetittività tal-kumpaniji.

Osservazzjoni dwar il-proċessi ta' ristrutturazzjoni fl-Ewropa tissuġġerixxi, madankollu, li prattiki f'dan il-qasam xi kultant ikunu reattivi iktar mill-antiċipattivi u proattivi; dawn jistgħu jiġru meta jkun tard wisq fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u jistgħu ma jinvolvux entitajiet esterni kmieni biżżejjed biex jieħdu sehem fl-attenwament tal-impatt soċjali tar-ristrutturazzjoni.

Attitudnijiet passivi u reżistenza għall-bidla għandhom prezz ekonomiku għali u jheddu l-investiment u t-tkabbir fl-impjiegi. Għalhekk huwa importanti li jinħolqu l-kundizzjonijiet ta' fiduċja li jippermettu li l-oqsma kollha tas-soċjetà (il-kumpaniji, il-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom, l-awtoritajiet pubbliċi eċċ.) jiffaċċjaw il-ġejjieni b'mod dinamiku.

L-approċċ antiċipattiv huwa fattibbli fir-rigward tal-ġestjoni tal-bdil u r-ristrutturazzjoni?

Kif jistgħu l-orjentazzjonijiet u linji gwida eżistenti dwar ir-ristrutturazzjoni jittejbu fid-dawl tat-tagħlimiet mill-kriżi u l-isfidi ekonomiċi u soċjali l-ġodda? Kif jistgħu t-tagħlimiet mill-kriżi jixxerrdu u jiġu implimentati?

5. IL-ĦOLQIEN TA' SINERĠIJA FIL-PROĊESS TAL-BDIL INDUSTRIJALI

Il-Kummissjoni tixtieq tisma' l-fehmiet tal-partijiet interessati kollha dwar il-prassi tajba u s-sinerġija possibbli fl-oqsma ta': (a) l-antiċipazzjoni tal-proċessi tar-ristrutturazzjoni; (b) il-preparazzjoni għall-proċessi tar-ristrutturazzjoni u l-ġestjoni tagħhom; (c) il-valutazzjoni u r-rappurtar; (d) ir-rwol tad-djalogu soċjali; u (e) ir-reviżjoni tal-protezzjoni passiva, kif spjegat hawn taħt.

(a) Antiċipazzjoni tal-proċessi ta' ristrutturazzjoni

Ippjanar strateġiku fit-tul

Antiċipazzjoni tal-bidla tirnexxi iktar jekk tkun integrata b'mod effettiv fl-istrateġiji għat-tul tal-kumpaniji u tar-reġjuni biex jiżguraw u jsaħħu s-sostenibilità u l-kompetittività fit-tul tagħhom, u jekk titrawwem kultura orjentata lejn l-innovazzjoni. Barra minn hekk, bl-antiċipazzjoni tal-bidla fl-ippjanar strateġiku fit-tul tagħhom, il-kumpaniji u l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jaħtfu opportunitajiet li jfiġġu u jiġġeneraw it-tkabbir u l-impjiegi. Eżempju pożittiv f'dan ir-rigward huwa l-iżvilupp ta' teknoloġiji b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju u effiċjenti fir-riżorsi, li huwa ppruvat li huwa sors ta' tkabbir sostenibbli u impjiegi f'reġjuni differenti madwar l-UE.

Ippjanar strateġiku korporattiv fit-tul jinkludi għanijiet għar-riżorsi umani, l-impjiegi u l-ħiliet għall-iżvilupp kontinwu tal-ħiliet u l-kompetenzi tal-forza tax-xogħol. Dan jista' jżid il-produttività u għalhekk il-kompetittività u l-profittabilità tal-kumpanija, u l-kapaċità li din tadatta ruħha u tkun innovattiva. Hija tista' wkoll tgħin biex tiżdied l-impjegabilità tal-impjegati u tħeġġeġ il-mobilità tagħhom ġo u barra mill-kumpanija.

L-awtoritajiet lokali u reġjonali jista' jkollhom ukoll rwol importanti fit-titjib tal-kompetittività iktar fit-tul tar-reġjuni tagħhom, b'mod partikolari permezz tal-iżvilupp ta' strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelligenti.

X'jista' jsir biex jiġu mħeġġa approċċi strateġiċi innovattivi u fit-tul għall-ġestjoni tal-bdil, inklużi kwistjonijiet ta' impjiegi u ħiliet? Kif tista' tittejjeb is-sinerġija bejn il-kumpaniji, l-awtoritajiet lokali u l-atturi lokali l-oħra?

Kif għandhom jitqassmu ir-responsabilitajiet u r-rwoli speċifiċi f'dan il-qasam fost il-kumpaniji, l-imsieħba soċjali u l-awtoritajiet pubbliċi?

Antiċipazzjoni bikrija tal-impjiegi u l-ħiliet meħtieġa

Xi kumpaniji jiżviluppaw mekkaniżmi, b'kooperazzjoni mar-rappreżentanti tal-impjegati u/jew ma' forniturі ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, għal ippjanar bil-quddiem għall-impjiegi u l-ħiliet. Servizzi tal-impjiegi pubbliċi u għaqdiet settorjali għandhom rwol importanti wkoll fit-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema li jridu jibdlu xogħolhom jew is-settur tagħhom, b'hekk jiffaċilitaw ir-riallokazzjoni tax-xogħol bejn il-kumpaniji u s-setturi.

L-identifikazzjoni tat-tip it-tajjeb ta' taħriġ u ħiliet meħtieġa, u fejn jistgħu jinstabu fil-futur, inkluż bi preparazzjoni għal bidla demografika, teħtieġ il-kooperazzjoni sħiħa tal-imsieħba involuti kollha. Il-kooperazzjoni bejn il-kumpaniji u l-iskejjel vokazzjonali kellha suċċess kbir f'dan il-qasam meta din kienet strutturata u inkwadrata sew. L-inizjattivi lokali jista' jkollhom rwol importanti wkoll bħal sħubijiet fil-ħiliet mal-awtoritajiet reġjonali u lokali b'kooperazzjoni mill-qrib ma' entitajiet barranin, inklużi universitajiet u fornituri oħra ta' edukazzjoni u taħriġ, istituti teknoloġiċi, ċentri ta' innovazzjoni u aġenziji tal-iżvilupp kif ukoll fornituri tal-kura tas-saħħa u s-sigurtà soċjali. Il-kumpaniji jistgħu jikkontribwixxu wkoll għal osservatorji tal-impjiegi u l-ħiliet, u jieħdu sehem f'inizjattivi rilevanti fir-reġjun u/jew settur ikkonċernat.

Kif jistgħu prattiki effettivi għall-anticipazzjoni tal-bżonnijiet tal-impjiegi u l-ħiliet fi ħdan il-kumpaniji jkunu inkoraġġiti ulterjorment? Kif jista' t-taħriġ jiġi żvilupat bħala fattur permanenti tal-ġestjoni tar-riżorsi umani?

Kif tista' s-sinerġija bejn l-azzjoni meħuda mill-kumpaniji u mis-settur pubbliku jiġu promossi biex jiffaċilitaw il-politiki xierqa tal-impjiegi u l-ħiliet?

(b) Preparazzjoni u ġestjoni tal-proċessi ta' ristrutturazzjoni

Preparazzjoni bikrija

Iż-żmien huwa kruċjali fl-isforzi għal ġestjoni sew tar-ristrutturazzjoni. Kemm jista' jkun, l-operazzjonijiet ta' ristrutturazzjoni għandhom ikunu preċeduti minn preparazzjoni xierqa li tkun tinvolvi lill-partijiet interessati rilevanti kollha sabiex tipprevjeni jew tilqa' għall-impatt ekonomiku, soċjali u reġjonali. Fil-livell settorjali, l-azzjonijiet mal-industrija kollha li ttieħdu fl-industriji tad-difiża, tal-parts tal-karozzi u tal-industrijiet tat-telekomunikazzjoni huma eżempji tajbin.

Din il-preparazzjoni għandha idealment isseħħ kemm jista' jkun malajr malli l-bżonn ta' ristrutturazzjoni tkun rikonoxxuta, wara li jitqiesu l-metodi u l-proċeduri negozjati fil-livell tas-settur, tar-reġjun jew tal-kumpanija kkonċernata, jekk ikun hemm. Bidu kmieni jagħmilha eħfef biex jiġu adottati miżuri għall-minimizzazzjoni tal-impatt ekonomiku, soċjali u reġjonali tal-operazzjoni.

Kif jistgħu l-kumpaniji u l-forzi tax-xogħol tagħhom jitħeġġu jibdew preparazzjoni bikrija u adegwata għall-proċessi ta' ristrutturazzjoni li jiffavorixxu l-aċċettazzjoni tal-bidla? Xi prattiki tajba jeżistu f'dan il-qasam?

Ħolqien ta' fiduċja reċiproka u dijanjożi kondiviżi

Huwa importanti li tinħoloq fiduċja reċiproka u li jkun hemm dijanjożi kondiviża permezz ta' komunikazzjoni kontinwa u ta' kwalità għolha bejn il-partijiet interessati rilevanti. Ir-rekwiżiti u l-miri strateġiċi fit-tul tal-kumpaniji jew ir-restrizzjonijiet għal żmien qasir għandhom ikunu spjegati sal-punt possibbli, flimkien ma' miżuri maħsuba u alternattivi possibbli oħrajn fid-dawl tal-interessi kollha kkonċernati.

Responsabilità soċjali korporattiva u approċċ trasparenti jista' jinkoraġġixxi lill-partijiet interessati kollha, speċjalment ir-rappreżentanti tal-impjegati, biex jikkooperaw fit-tiftix għal soluzzjonijiet li jissodisfaw l-interessi taż-żewġ naħat mingħajr ma joħolqu dewmien u inċertizzi żejda.

Kemm jista' jkollhom rwol il-fiduċja reċiproka u d-dijanjożi kondiviża f'ġestjoni tajba tar-ristrutturazzjoni? Kif jista' dan jiġi promoss fi ħdan il-kumpaniji u f'kuntesti usa'?

Minimizzazzjoni tal-impatt soċjali

Filwaqt li jaraw li jippreservaw il-kompetittività tagħhom u l-prosperità fit-tul, il-kumpaniji ffaċċjati bil-bżonn ta' ristrutturazzjoni normalment jaħsbu fit-tkeċċijiet biss wara li jqisu l-alternattivi possibbli l-oħra kollha. Il-kumpaniji spiss jippruvaw ukoll jidentifikaw u jimplimentaw miżuri xierqa ta' appoġġ. Ir-rappreżentanti tal-impjegati għandhom ikunu lesti jinnegozjaw soluzzjonijiet flessibbli bħala alternattivi għall-qgħad.

Kif uriet il-kriżi ekonomika, il-flessibilità hija inerenti fis-sistema eżistenti. Ħafna kumpaniji fl-Ewropa kollha ħadu inizjattivi temporanji biex iżommu l-impjiegi, inkluż permezz ta' tnaqqis fis-sigħat tax-xogħol, waqfien fil-produzzjoni, obbligi ta' teħid ta' liv annwali, ġimgħat jew jiem tax-xogħol iqsar, użu msaħħaħ ta' kontijiet tal-ħin tax-xogħol, rotazzjonijiet fil-liv u sabbatikali.

Meta t-tkeċċijiet ma jkunux jistgħu jiġu evitati, jew bħala parti minn pakkett ta' alternattivi, il-kumpaniji, l-awtoritajiet lokali u l-partijiet interessati rilevanti inklużi l-forniturі tas-saħħa u s-sigurtà soċjali jistgħu jitħeġġu jaħdmu flimkien biex jagħmlu arranġamenti għall-impjegati kkonċernati biex itejbu l-impjegabilità tagħhom u jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol malajr kemm jista' jkun.

Ristrutturazzjoni ġestita ħażin tista' tħalli impatt sinifikantement ħażin fit-tul fuq ir-riżorsi umani tal-kumpaniji, kif jidher mill-konsegwenzi umani u psikoloġiċi tagħha, u b'hekk iddgħajjef ir-riżors ewlieni għall-kompetittività. Il-kumpaniji u l-imsieħba soċjali minn xi setturi li jkunu għaddejjin minn bidla partikolarment qawwija qablu dwar il-linji gwida għall-ġestjoni tal-kwistjonijiet tas-saħħa mentali fil-postijiet tax-xogħol, u huma dejjem iktar impenjati fil-ġestjoni ta' dawn l-isfidi.

X'jistgħu jagħmlu l-kumpaniji u l-impjegati biex jimminimizzaw l-impatt soċjali u fuq l-impjiegi tal-operazzjonijiet ta' ristrutturazzjoni? Xi rwol jista' jkollhom il-politiki pubbliċi fil-faċilitazzjoni ta' dawn il-bidliet?

Minimizzazzjoni tal-impatti esterni ekonomiċi, soċjali, ambjentali u reġjonali

Il-bżonn li jiġi indirizzat l-impatt territorjali tar-ristrutturazzjoni kien imsemmi matul ix-xogħol tal-imsieħba soċjali. F'ħafna każijiet, meta operazzjoni ta' ristrutturazzjoni jkollha effetti maġġuri f'reġjun, il-kumpaniji jipprovaw jallinjaw l-attivitajiet preparatorji tagħhom ma' dawk tal-atturi l-oħra kollha bl-għan li jiġu massimizzati l-opportunitajiet ta' riimpjegar tal-impjegati, titħeġġeġ il-konverżjoni ekonomika u soċjali tar-reġjun affettwat u jiġu żviluppati attivitajiet ekonomiċi ġodda li joħolqu l-impjiegi.

Għal dik il-fini, il-kumpaniji spiss jiddiskutu l-miżuri li jkunu qed jitħejjew mal-awtoritajiet reġjonali jew lokali u partijiet interessati rilevanti oħrajn, inklużi l-forniturі tas-saħħa u s-sigurtà soċjali. Xi kultant huma jieħdu u/jew jagħtu sehem ukoll lil xi task force jew netwerk imwaqqaf fil-livell reġjonali jew settorjali biex jimminimizzaw l-impatt tal-operazzjoni.

F'xi każijiet, il-miżuri spjegati fuq jinkludu lill-impjegati ta' kumpaniji oħrajn, inklużi l-SMEs, fir-reġjun affettwat mir-ristrutturazzjoni ta' kumpaniji ikbar. Tagħrif u għajnuna lill-SMEs

x'aktarx li tgħinhom jadattaw lin-negozji tagħhom stess u jġestixxu l-proċess ta' ristrutturazzjoni.

X'jistgħu jagħmlu l-kumpaniji, l-awtoritajiet lokali u l-partijiet interessati l-oħra li jkun utli għall-minimizzazzjoni tal-impatti reġjonali tar-ristrutturazzjoni?

Kif jistgħu l-kumpaniji affettwati mir-ristrutturazzjoni ta' kumpanija oħra jkunu sostnuti fil-proċess ta' aġġustament tagħhom stess? B'mod partikolari, kif jistgħu l-SMEs ikunu infurmati u megħjuna aħjar fil-proċess ta' ristrutturazzjoni?

(c) Valutazzjoni u rappurtar

Għodod għall-valutazzjoni u r-rappurtar regolari tal-operazzjonijiet ta' ristrutturazzjoni b'kooperazzjoni mar-rappreżentanti tal-impjegati u l-għaqdiet ta' barra involuti f'dawn il-proċessi jistgħu jkunu utli f'xi ċirkostanzi, b'mod partikolari għall-faċilitazzjoni ta' proċess ta' tagħlim.

Xi rwol jista' jkollhom il-valutazzjoni u r-rappurtar tal-operazzjonijiet ta' ristrutturazzjoni passati biex iżidu l-għarfien u jtejbu l-prattiki tal-partijiet interessati?

(d) Ir-rwol tal-imsieħba soċjali

Peress li r-rappreżentanti tal-maniġment u tal-ħaddiema huma fost l-atturi ewlenin għad-diskussjoni tal-istrateġiji ta' ristrutturazzjoni, ikun utli li jingħata rwol prominenti għad-djalogu soċjali fit-tixrid u l-inkoraġġiment tal-aqwa prassi.

Xi rwol jista' jkollu d-djalogu soċjali fit-tixrid aħjar u l-inkoraġġiment tal-aqwa prattiki għall-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tar-ristrutturazzjoni?

(e) Reviżjoni ta' protezzjoni passiva

Qabża minn protezzjoni passiva tal-impjiegi għal protezzjoni attiva qiegħda fil-qalba tal-kunċett flessigurtà. Waħda mill-possibilitajiet ta' implimentazzjoni ta' dan il-kunċett huwa li nitbiegħdu mill-ħarsien ta' impjiegi speċifiċi u minflok nersqu lejn il-protezzjoni tal-impjegati tul il-ħajja professjonali tagħhom kollha. Possibilità oħra hija li nsaħħu l-hekk imsejħa flessibilità interna li għandha l-għan li tħares l-impjiegi permezz ta' miżuri li jiżguraw adattament flessibbli għaċ-ċirkostanzi dejjem jinbidlu. Xi drabi, madankollu, bidla bħal din mhux dejjem kienet akkumpanjata b'taqliba tas-sistema ta' ħarsien tal-impjiegi eżistenti, speċjalment f'termini ta' piżijiet u spejjeż.

Bħal kull funzjoni oħra fi ħdan il-kumpaniji, l-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturazzjoni proattiva għandhom prezz imma għandhom ukoll benefiċċju għal dawk kollha involuti: il-kumpaniji jtejbu l-kapaċità tagħhom li jadattaw ruħhom, l-impjegati jsiru iktar impjegabbli u r-reġjuni jagħtu spinta lid-dinamiċi ekonomiċi tagħhom.

Filwaqt li jitqiesu d-differenzi enormi bejn l-Istati Membri f'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tixtieq tisma' l-fehmiet tal-partijiet interessati (b'mod partikolari l-awtoritajiet nazzjonali u l-għaqdiet tal-imsieħba soċjali) dwar jekk xi aspetti tas-sistemi ta' protezzjoni tal-impjiegi jistgħux jiġu riveduti fid-dawl tat-tranżizzjoni lejn antiċipazzjoni u ħarsien proattiv tal-impjiegi.

6. IR-RWOL TAL-AWTORITAJIET REĠJONALI U LOKALI

Ristrutturazzjoni proattiva u dinamika spiss titħeġġeġ meta l-awtoritajiet pubbliċi jkollhom rwol ta' appoġġ f'operazzjonijiet ta' ristrutturazzjoni u fil-proċessi biex jantiċipawhom billi jiffaċilitaw il-koordinament bejn il-partijiet interessati minn barra u l-kumpaniji. Barra minn hekk, huma spiss joħolqu, jippromwovu u jappoġġaw mekkaniżmi li jħeġġu lill-kumpaniji żgħar u ta' daqs medju biex ikunu involuti f'miżuri ta' dak it-tip. Finalment, l-awtoritajiet pubbliċi jappoġġaw ukoll il-proċessi antiċipatorji u l-operazzjonijiet ta' ristrutturazzjoni biex jallevjaw l-impatt ekonomiku, reġjonali u soċjali tagħhom. Xi wħud mill-aqwa prattiki identifikati fl-Ewropa huma stabbiliti hawn taħt.

Xi i wħud mill-aqwa prassi identifikati fl-Ewropa:

- L-awtoritajiet pubbliċi, inkluż il-PES, għandhom rwol ewlieni fir-reġjuni affettwati mill-bidla strutturali: huma jwaqqfu entitajiet permanenti, netwerks jew osservatorji li jimmonitorjaw il-proċessi tal-bidla; jippromwovu patti ta' impjiegi territorjali għall-ħolqien u l-adattament tal-impjiegi; jippromwovu jew joħolqu mekkaniżmi li jiffaċilitaw it-tranżizzjoni tal-impjiegi; joffru taħriġ għal kumpaniji żgħar u ta' daqs medju u għall-impjegati tagħhom u d-djalogu soċjali u l-kooperazzjoni bejniethom u l-kumpaniji l-kbar; jiffavorixxu l-impjiegi reġjonali u l-konverżjoni ekonomika u soċjali.

- F'xi każijiet, l-awtoritajiet pubbliċi jattivaw, b'kooperazzjoni mal-kumpaniji, servizzi ta' reazzjoni rapida u skemi ta' appoġġ li jgħinu lill-impjegati jiffaċċjaw tranżizzjonijiet professjonali jew tkeċċijiet. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-kumpaniji li jirriżultaw mil-liġijiet nazzjonali u/jew mill-prattiki, l-awtoritajiet

	pubbliċi xi kultant jikkofinanzjaw miżuri ta' impjegabilità, inkluż l-akkwist ta' ħiliet trasferibbli.

"**Strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti**" jistgħu jkunu għodda importanti għar-reġjuni biex jintużaw fil-proċess ta' ristrutturazzjoni[25].

Fil-livell tal-UE l-Politika ta' Koeżjoni, u speċjalment il-Fond Soċjali Ewropew, kif ukoll il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni jeżistu wkoll biex jappoġġaw kemm azzjoni antiċipattiva u kemm miżuri bl-għan li jgħinu lill-impjegati li xogħolhom jinsab mhedded minn avvenimenti partikolari ta' ristrutturazzjoni, inklużi bżonnijiet tas-suq tax-xogħol emerġenti li jirriżulta mit-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju u effiċjenti fir-riżorsi.

Kif jista' jitħeġġeġ rwol ta' sostenn għall-awtoritajiet pubbliċi, partikolarment fil-livell reġjonali, fi proċessi ta' antiċipazzjoni, kif ukoll b'mod partikolari l-avvenimenti ta' ristrutturazzjoni, meta wieħed iqis tradizzjonijiet nazzjonali differenti rigward l-involviment tal-awtoritajiet pubbliċi fil-proċessi tal-livell tal-kumpaniji?

KONSULTAZZJONI

Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet interessati kollha biex iwieġbu l-mistoqsijiet stabbiliti f'din il-Green Paper, u biex jipprovdu kummenti addizzjonali, sat-30 ta' Marzu 2012.

Il-green paper u t-template għat-tweġiba tista' ssibhom fil-websajt Europa:
http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=333&langId=mt

It-tweġibiet jistgħu jintbagħtu bil-posta elettronika fl-indirizz:

EMPL-GREEN-PAPER-RESTRUCTURING@ec.europa.eu

jew bil-posta lil:

European Commission
Directorate-General for Employment, Social Affairs and Inclusion
Green Paper on Restructuring
Unit C2
Rue Joseph II, 27
Office 06/044
B-1000 Brussels

[25] Ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Ristrutturazzjoni fl-Ewropa 2011", punt 4.1.3.